MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru 1313/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs.**

**MIRANA MAGRO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mirana Magro ta’ 33 sena, bint Publius Magro u Lucija nee’ Ebejer, imwielda Attard fit-28 ta’ Settembru 1976, residenti fil-fond ‘Aspen Court’, Blokk 1, Appartament 6, Triq Sant’Anglu Zejtun u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 489676M.

Billi hija akkuzata talli fil-jiem ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Jannar 2008, b’qerq fethet jew gieghlet li jigi miftuh xi oggett

postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b'qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunikat jew ghamlet uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u dan ai termini ta' l-artikolu 74 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu u cirkustanzi, bhala ufficjal operatur postali, agixxiet bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ksur sar ai termini ta' l-artikolu 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MM3, il-Kunsens tal-Malta Communications Authority esebit bhaal Dok. PEM1 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 74, 30 u 75 tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Mirana Magro, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata u li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza,

tillibera lill-istess imputata Mirana Magro taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Mirana Magro l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------